

31984R1218

3.5.1984

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 117/16

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1218/84****tat-30 ta' April 1984****dwar il-klassifika ta' oġġetti taħt is-subintestatura 39.07 B V (d) tat-Tariffa Doganali Komuni****IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 7/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għal applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni (<sup>(1)</sup>), kif l-aħħar emmata bl-Att ta'l-Adeżjoni tal-Greċċa, u b'mod partikulari Artikolu 3 tiegħu,

Billi, biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, huwa meħtieġ li jiġu stabiliti dispożizzjonijiet dwar il-klassifika tat-tariffa ta' friskaturi magħmula minn 30 % ta' materjal artifiċjali tal-plastika (raża tal-polyster stirenizzat) u 70 % ta' mili (principally ta' siliku) u li jkollu kisja ta' materjal trasparenti artifiċjali tal-plastika (raża tal-polyster stirenizzata) ta' bejn wieħed u ieħor 0,2 mm ħxuna fuq il-wiċċi li jintuża;

Billi l-intestatura Nru 39.07 tat-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 (<sup>(2)</sup>), kif l-aħħar emmedat bir-Regolament (KEE) Nru 1018/84 (<sup>(3)</sup>), għandha x'taqsam ma' artikoli magħmula minn materjali tax-xorta deskritti fl-intestaturi Nri 39.01 u 39.06, u l-intestatura Nru 68.11 għandha x'taqsam ma artikoli tas-siment, tal-konkrt jew tal-ġebel artifiċjali (inkluż l-irħam imrammel mgħaqqaqad bis-siment), kemm rinforzat kif ukoll mhux; billi dawn iż-żewġ intestaturi jistgħu jit-tieħdu in konsiderazzjoni għall-klassifika ta' l-artikoli in kwistjoni;

Billi dawn il-friskaturi, li għandhom jiġu kklassifikati skond ir-Regola Ġenerali 3 (b) għall-interpreazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, huma paragħunabbli fid-dehra u fil-materjal kostitwenti mal-prodotti, magħmula bil-piż, essenzjalment, minn bejn wieħed u ieħor 33 % ta' polymethyl methacrylate u 66 % ta' idrossidu ta'l-aluminju, liema materjal kien giekklassifikat mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (fis-47 laqqha tiegħu

li saret f-Novembru 1981) u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Il-Każ 234/82) fil-Kapitolu 39 (<sup>(4)</sup>; billi, barra minn hekk, f'dan il-każ is-silikati jintużaw biss bħala mili, filwaqt li l-materjal artifiċjali plastiku, aktar milli jservi biss bħala "materjal li jgħaqqaq" fis-sens ta'l-intestatura Nru 68.11 jiksi wkoll il-wiċċi li jintuża u huwa minħabba l-użu tiegħu in-fatti kostitwenti l-aktar importanti tal-friskaturi u jaġħihom il-karakteristiċi essenzjali tagħhom; billi, għalhekk, dawn il-friskaturi jaqgħu taħt l-intestatura Nru 39.07; billi, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, huma għandhom jiġi kklassifikati taħt is-subintestatura 39.07 B V d);

Billi l-miżuri previsti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1**

Friskaturi magħmula minn 30 % ta' materjali artifiċjali tal-plastika (raża tal-polyster stirenizzat) u 70 % ta' mili (principally ta' siliku) u li jkollu kisja ta' materjal trasparenti artifiċjali tal-plastika (raża tal-polyster stirenizzat ta' madwar 0,2 mm ħxuna fuq il-wiċċi li jintuża) għandu jiġi klassifikat fit-Tariffa Doganali Komuni kif ġej:

**39.07 L-Artikoli ta' materjali tax-xorta deskritta fl-intestaturi minn-Nri 39.01 sad-39.06:**

**B. Oħrajn:****V. Ta' materjali oħra****(d) Oħrajn****Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

(<sup>1</sup>) ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU L 107, tad-19.4.1984, p. 1.

(<sup>4</sup>) ĠU C 295, tal-11.11.1982, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' April 1984.

*Għall-Kummissjoni*

Karl-Heinz NARJES

*Membru tal-Kummissjoni*

---